II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/895

tat-22 ta' Ġunju 2018

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 340/2008 dwar il-ħlasijiet u l-ispejjeż dovuti lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 74(1) tiegħu,

Billi:

(1) Skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006, l-istruttura u l-ammont tal-ħlasijiet previsti f'dak ir-Regolament għandhom iqisu l-ħidma li hemm bżonn titwettaq mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("l-Aġenzija") u mill-awtoritajiet kompetenti u għandhom jiġu ffissati f'livell li jiżgura li d-dħul idderivat minnhom meta jiġi kkombinat ma' sorsi oħra ta' dħul tal-Aġenzija jkun biżżejjed biex ikopri l-ispiża tas-servizzi mogħtija.

(2) L-esperjenza miksuba mill-Aġenzija u l-Kumitati tagħha għall-Istima tar-Riskji u għall-Analiżi Soċjoekonomika sa issa, fil-valutazzjoni ta' applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni wriet li l-ammont ta' xogħol involut f'tali valutazzjoni huwa xprunat mill-għadd ta' użi li għalihom tkun saret applikazzjoni waħda, iktar milli min-numru ta' applikanti li jkunu ppreżentaw l-applikazzjoni b'mod konġunt. Għaldaqstant, il-ħlas li jrid isir għal applikazzjoni partikolari jenħtieġ li jkun l-istess, irrispettivament mill-għadd ta' applikanti; jenħtieġ li ma jiġi impost ebda ħlas addizzjonali għal kull applikant addizzjonali. L-istess raġunament japplika wkoll għall-ispejjeż marbuta mal-preżentazzjoni ta' xi rapport ta' rieżami. Il-modifiki xierqa fil-ħlasijiet u fl-ispejjeż jistgħu jippermettu li jittaffa l-piż finanzjarju fuq l-operaturi ż-żgħar, bħal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

(3) Meta jiġi ppreżentat rapport ta' rieżami konġunt, il-ħlasijiet u l-ispejjeż jenħtieġ li jinqasmu bejn l-applikanti b'mod ġust, trasparenti u mhux diskriminatorju, b'mod partikolari fir-rigward ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs). It-tnaqqis tal-SMEs eżistenti għall-ħlasijiet u spejjeż jenħtieġ li jitqiesu meta jiġu biex jinqasmu l-ħlasijiet u l-ispejjeż totali applikabbli.

(4) Fil-każ li l-intrapriżi li jkunu ppreżentaw applikazzjoni konġunta għall-awtorizzazzjoni jkunu f'kategoriji ta' daqs differenti li għalihom ikunu japplikaw ħlasijiet ta' bażi differenti, għandu jiġi impost l-ogħla ħlas.

(5) Barra minn hekk, wara r-rieżami tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 340/2008 [2], li saret fl-2015, u fid-dawl tal-esperjenza miksuba fit-trattament ta' applikazzjonijiet ta' awtorizzazzjoni, jixraq li l-ħlasijiet u l-ispejjeż

[1] ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.

[2] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 340/2008 tas-16 ta' April 2008 dwar il-ħlasijiet u l-ispejjeż dovuti lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH) (ĠU L 107, 17.4.2008, p. 6), kif emendat l-aħħar mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/864 (ĠU L 139, 5.6.2015, p. 1).

għall-awtorizzazzjoni jiġu aġġustati biex jirriflettu l-piż tax-xogħol tal-Aġenzija. Għal dan il-għan, il-ħlasijiet u l-ispejjeż addizzjonali applikabbli għal kull użu addizzjonali jenħtieġ li jkunu biss kemxejn inqas mill-ħlas jew l-ispiża bażi. Għalhekk, dawk il-ħlasijiet jew l-ispejjeż addizzjonali għal kull użu addizzjonali jenħtieġ li jiżdiedu.

(6) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 340/2008 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(7) Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jgħoddx għall-applikazzjonijiet ippreżentati qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 133 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 340/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 8, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Aġenzija għandha timponi ħlas bażi għal kull applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' sustanza, kif stipulat fl-Anness VI. Il-ħlas ta' bażi għandu jkopri l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' sustanza waħda u għal użu wieħed.

L-Aġenzija għandha timponi ħlas addizzjonali, kif stabbilit fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament, għal kull użu addizzjonali u għal kull sustanza addizzjonali li tissodisfa d-definizzjoni ta' grupp ta' sustanzi kif iddefinit fil-punt 1.5 tal-Anness XI tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 u li tkun koperta bl-applikazzjoni. L-ebda ħlas addizzjonali ma għandu jiġi impost fejn ikun hemm aktar minn applikant wieħed li jagħmel parti mill-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni.

Fil-każ li l-applikanti li jkunu parti minn applikazzjoni konġunta għall-awtorizzazzjoni jkunu ta' daqsijiet differenti, il-ħlas li għandu jiġi impost huwa dak li jkun japplika għal dak il-wieħed minn fost l-applikanti li jrid iħallas l-iktar għal dik l-applikazzjoni.

Meta tiġi ppreżentata applikazzjoni konġunta għall-awtorizzazzjoni, l-applikanti għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex il-ħlas jinqasam bejn l-applikanti b'mod ġust, trasparenti u mhux diskriminatorju, b'mod partikolari fir-rigward ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs).

L-Aġenzija għandha toħroġ fattura waħda li tkopri l-ħlas ta' bażi u kull ħlasijiet addizzjonali applikabbli."

(2) Fl-Artikolu 9, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Aġenzija għandha timponi spiża bażi għall-preżentazzjoni ta' kull rapport ta' rieżami, kif stipulat fl-Anness VII. L-ispiża ta' bażi għandha tkopri l-preżentazzjoni ta' rapport ta' rieżami ta' sustanza waħda u ta' użu wieħed.

L-Aġenzija għandha timponi spiża addizzjonali, kif stabbilit fl-Anness VII ta' dan ir-Regolament, għal kull użu u għal kull sustanza addizzjonali li tissodisfa d-definizzjoni ta' grupp ta' sustanzi kif iddefinit fil-punt 1.5 tal-Anness XI tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 u li tkun koperta mir-rapport ta' rieżami. L-ebda spiża addizzjonali ma għandha tkun imposta jekk ikun hemm iktar minn parti waħda għar-rapport ta' rieżami.

Fil-każ li l-entitajiet li jkunu parti mill-preżentazzjoni ta' rapport ta' rieżami konġunt ikunu ta' daqsijiet differenti, għal dik l-applikazzjoni għandha tiġi imposta l-ogħla spiża li tapplika għal kwalunkwe wieħed minn dawk l-applikanti

Meta jiġi ppreżentat rapport ta' rieżami konġunt, id-detenturi tal-applikazzjoni għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex il-ħlas jinqasam bejn l-applikanti b'mod ġust, trasparenti u mhux diskriminatorju, b'mod partikolari fir-rigward ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs).

L-Aġenzija għandha toħroġ fattura waħda li tkopri l-ispiża bażi u kull spiża addizzjonali applikabbli oħra."

(3) L-Annessi VI u VII huma sostitwiti bit-test li jinsab fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Ir-Regolament (KE) Nru 340/2008, kif emendat l-aħħar bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/864 ([1]) għandu japplika għall-applikazzjonijiet ippreżentati qabel il-15 ta' Lulju 2018.

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/864 tal-4 ta' Ġunju 2015 li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 340/2008 dwar il-ħlasijiet u l-ispejjeż dovuti lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH) (ĠU L 139, 5.6.2015, p. 1).

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Ġunju 2018.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

"*ANNESS VI*

Ħlasijiet għal applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 62 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006

Tabella 1

Ħlasijiet standard

Ħlas bażi	EUR 54 100
Ħlas addizzjonali għal kull sustanza	EUR 10 820
Ħlas addizzjonali għal kull użu	EUR 48 690

Tabella 2

Ħlasijiet imnaqqsa għall-intrapriżi medji

Ħlas bażi	EUR 40 575
Ħlas addizzjonali għal kull sustanza	EUR 8 115
Ħlas addizzjonali għal kull użu	EUR 36 518

Tabella 3

Ħlasijiet imnaqqsa għall-intrapriżi żgħar

Ħlas bażi	EUR 24 345
Ħlas addizzjonali għal kull sustanza	EUR 4 869
Ħlas addizzjonali għal kull użu	EUR 21 911

Tabella 4

Ħlasijiet imnaqqsa għall-mikrointrapriżi

Ħlas bażi	EUR 5 410
Ħlas addizzjonali għal kull sustanza	EUR 1 082
Ħlas addizzjonali għal kull użu	EUR 4 869

ANNESS VII

Spejjeż għar-rieżami ta' awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 61 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006

Tabella 1

Spejjeż standard

Spiża bażi	EUR 54 100
Spiża addizzjonali għal kull sustanza	EUR 10 820
Spiża addizzjonali għal kull użu	EUR 48 690

Tabella 2

Spejjeż imnaqqsa għall-mikrointrapriżi

Spiża bażi	EUR 40 575
Spiża addizzjonali għal kull sustanza	EUR 8 115
Spiża addizzjonali għal kull użu	EUR 36 518

Tabella 3

Spejjeż imnaqqsa għall-mikrointrapriżi

Spiża bażi	EUR 24 345
Spiża addizzjonali għal kull sustanza	EUR 4 869
Spiża addizzjonali għal kull użu	EUR 21 911

Tabella 4

Spejjeż imnaqqsa għall-mikrointrapriżi

Spiża bażi	EUR 5 410
Spiża addizzjonali għal kull sustanza	EUR 1 082
Spiża addizzjonali għal kull użu	EUR 4 869”